**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 178/2021/2**
**Appell Numru 178/2021/3**
**Appell Numru 178/2021/4**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**OMISSIS**
**OMISSIS**
**OMISSIS**

Illum 26 ta' Settembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni miġjuba kontra:

l-appellat **OMISSIS**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru **OMISSIS**,

l-appellanti **OMISSIS**, detentriċi tal-Permess ta' Residenza Maltija bin-Numru **OMISSIS**,

u

l-appellanti **OMISSIS**, detentriċi tal-Karta tal-Permess ta' Residenza Maltija bin-Numru **OMISSIS**,

akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar it-30 ta' Awwissu 2019, ġewwa Ward 3 Rużar Briffa, f'San Vincent de Paule, Ħal-Luqa:

1. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b' nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħhom, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġunaw il-mewt ta' OMISSIS, hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 225(1) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Mejju 2024, fejn il-Qorti:

- iddikjarat lill-imputat OMISSIS mhux ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u lliberatu minn kull ħtija u piena;
- wara li rat Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputata OMISSIS ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u kkundannatha sena priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġiet sospiża għal erba' snin;

- wara li rat Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputata OMISSIS ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha u kkundannatha sena priġunerija li b'applikazzjoni ta' Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġiet sospiża għal erba' snin.

*Ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputati OMISSIS u OMISSIS jħallsu in kwantu għal nofs kull wieħed, l-ispejjeż tal-periti tekniċi mqabbda fil-proċeduri u ċioè PC 1414 Kurt Attard (sebgħa u sebgħin Euro u disgħin ċenteżmu (€77.90c)[1], Dr. Bridget Ellul (tliet mija u tmienja u tmenin Euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu €388.75c)[2], Dr. Mario Scerri (tliet mija u tmienja u ħamsin Euro u tletin ċenteżmu €358.30c)[3], Prokuratur Legali Mario Buttigieg (disa' mija u tlieta u tletin Euro u tnejn u sittin ċenteżmu €933.62c)[4] fl-ammont totali ta' elf, seba' mija u tmienja u ħamsin Euro u sebgħa u ħamsin ċenteżmu (€1,758.57) b'dan illi kull waħda mill-imputati tħallas is-somma ta' tmien mija u disgħa u sebgħin Euro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€879.28c) fi żmien xahar minn dakinhar li ngħatat is-sentenza altrimenti konvertibbli fi ġranet ta' priġunerija effettivi skont il-liġi.

L-Ewwel Qorti ordnat komunika tas-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija stante illi:

- iddikjarat li rriżultalha illi flimkien mal-imputati kellhom jitressqu wkoll nies oħra li kellhom ukoll jirrispondu għal dak li ġara u dan senjatament fir-rigward tal-fiżjoterapista u

- sabiex fil-kapaċita' tiegħu wkoll ta' Uffiċjal Ewlieni għall-Immigrazzjoni jikkunsidra serjament jekk l-imsemmija imputati għandhomx jibqgħu jagħtu s-servizzi tagħhom

[1] "*A folio* 46 tal-proċess."
[2] "*A folio* 54 tal-proċess."
[3] "*A folio* 78 tal-proċess."
[4] "*A folio* 116 tal-proċess."

f'dawn il-gżejjer wara illi l-Qorti ddikjarat li kien rriżultalha ċar illi ma eżegwewx il-professjoni tagħhom skont il-liġi u konsegwentement qieset li s-sigurta' tal-pazjenti u anzjani, li qegħdin jew jistgħu jkunu fil-kura tagħhom, tinsab preġudikata u f'riskju tant li wasslu sabiex tintilef il-ħajja ta' OMISSIS.

Finalment, il-Qorti ordnat ukoll illi kopja tas-sentenza tintbagħat lill-Ministeru tas-Saħħa u lill-Awtorita' responsabbli mir-Residenza St. Vincent de Paule sabiex issir investigazzjoni dwar it-tip ta' *lifters, hoists, hammocks* u *slings* illi huma disponibbli għall-użu tal-pazjenti u dan sabiex il-pazjenti ma jintefgħux f'keffa waħda jew tnejn iżda fejn hu meħtieġ attenzjoni u apparat ieħor partikolari għall-ħtiġijiet tal-pazjenti u anzjani, tali attenzjoni u apparat ikunu disponibbli u jingħataw u mhux tintilef il-ħajja tan-nies għal tali ommissjoni jew nuqqas.

Rat ir-Rikors tal-appellanti **OMISSIS** ippreżentat fl-10 ta' Ġunju 2024 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha **tirrevoka** s-sentenza mogħtija fil-konfront tagħha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-29 ta' Mejju, 2024 li permezz tagħha sabitha ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħha a tenur tal-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioè li nhar it-30 ta' Awwissu 2019, ġewwa Ward 3 Rużar Briffa, f'San Vincent de Paule, Ħal-Luqa b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tagħha, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, ikkaġunat il-mewt ta' OMISSIS, u **tilliberaha** minn kull imputazzjoni u ħtija."*

Rat ir-Rikors tal-appellanti **OMISSIS** ippreżentat fit-13 ta' Ġunju 2024 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex: *"tilqa' dan l-appell fl-ismijiet premessi u konsegwentement tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza fejn sabet lill-appellanta ħatja tal-akkuża dedotta kontra tagħha u minflok tilliberaha minn kull imputazzjoni, ħtija u piena fir-rigward tal-istess, inkluż il-ħelsien mill-ħlas tal-ispejjeż peritali jew alternattivament, minflok tinfliġġi piena alternattiva u inqas kiefra."*

Rat ir-Rikors tal-appellant **Avukat Ġenerali** ppreżentat fil-21 ta' Ġunju 2024 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha **TĦASSAR U TIRREVOKA** dik il-parti tas-sentenza appellata fir-rigward tal-appellat **Omissis**, billi ssib lill-istess appellat ħati ta' din l-imputazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tiegħu u tinfliġġi piena idoneja, ekwa u ġusta skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedini penali aġġornati tal-appellat Omissis u taż-żewġ appellanti Omissis u Omissis eżebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposti tal-Avukat Ġenerali għar-Rikorsi tal-appell tal-appellanti Omissis u Omissis, liema Risposti ġew ippreżentati fil-11 ta' Lulju 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar tliet appelli minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fid-29 ta' Mejju 2024. Għandu jingħad li quddiem l-Ewwel Qorti ġew mixlija tliet persuni ossia OMISSIS, OMISSIS u OMISSIS fejn filwaqt li l-Ewwel Qorti lliberat lil OMISSIS mill-imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu, hija sabet liż-żewġ persuni l-oħra ossia OMISSIS u OMISSIS ħatja tal-imputazzjoni addebitata kontra tagħhom. Mis-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti appellaw l-imsemmija OMISSIS u OMISSIS u mill-istess sentenza appella wkoll l-Avukat Ġenerali. Din is-sentenza tallum tirrigwarda dawn it-tliet appelli appena msemmija.

Illi fir-Rikors tal-appell tagħhom, l-appellanti jitolbu lil din il-Qorti s-segwenti:

- l-appellanti OMISSIS titlob li tigi liberata minn kull imputazzjoni u ħtija;

- l-appellanti OMISSIS titlob li tinħeles minn kull imputazzjoni, ħtija u piena jew alternattivament li tiġi nflitta piena alternattiva u anqas kiefra;

- l-appellant Avukat Ġenerali jitlob li titħassar dik il-parti tas-sentenza appellata fir-rigward biss ta' OMISSIS u jitlob ukoll li OMISSIS jinstab ħati tal-imputazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tiegħu u sabiex tiġi nflitta piena idonea, ekwa u ġusta skont il-liġi.

Illi dan il-każ jirrigwarda akkadut li seħħ fil-faċilita' għall-anzjani ta' San Vinċenz b'dan illi fil-31 ta' Awissu 2019 għal ħabta tal-10.30 il-Pulizija rċevew rapport li kien hemm pazjenta ossia OMISSIS (anzjana ta' 101 sena) ġewwa il-Ward Rużar Briffa f'San Vinċenz li kienet mietet u l-qraba tal-anzjana kienu qed jitolbu li ssir inkjesta. Jidher li l-jum ta' qabel u ċioè fit-30 ta' Awwissu 2019 l-appellanti OMISSIS u OMISSIS kienu qed iċaqalqu l-pazjenta minn fuq il-pultruna għal fuq is-sodda permezz ta' *lifter* li miegħu kien hemm marbut *hammock*. F'mument minnhom waqt li l-anzjana kienet qed tiġi mċaqalqa permezz ta' dan il-proċess hija żelqet il-barra minn fuq tali *hammock* u spiċċat ma' l-art. Il-*carers* li kienu qed iwettqu dan il-proċess u ċioè l-appellanti OMISSIS u OMISSIS qajjmu lill-anzjana u poġġewha fis-sodda. Wara dan ġiet infurmata n-*nurse* li marret tara lill-anzjana.

Illi wara dan issejjaħ tabib sabiex jinvista l-anzjana. Dan it-tabib huwa l-appellat OMISSIS li wara li nvista lill-anzjana ma kienx tal-opinjoni li kellha xi ħaġa gravi. Waqt din il-vista ordna li jsirulha xi punti f'rasha. Aktar tard reġa' issejjaħ it-tabib minħabba li l-anzjana kienet qed tilmenta li kienet qed tħoss uġiegħ. Din id-darba t-tabib issusspetta li l-anzjana seta' kellha xi ksur pero' minflok irriferiha mill-ewwel l-iSptar huwa jidher li ftiehem magħha li kienet sejra tmur tagħmel *X-ray* l-għada

filgħodu. Sadanittant it-tabib ordna li ssirilha *sling* u tingħata *pain killers* waqt li tinżamm taħt osservazzjoni.

Illi minkejja dan sfortunatament l-anzjana ġiet nieqsa ftit siegħat wara. Mill-awtopsja rriżulta li l-anzjana mietet minn attakk tal-qalb li kien ir-riżultat ta' uġiegħ akut li kienet qed issofri bħala konsegwenza tal-ksur.

Illi l-appellat OMISSIS u ż-żewġ appellanti OMISSIS u OMISSIS ġew mixlija quddiem l-Ewwel Qorti li minħabba l-aġir negliġenti tagħhom huma waslu għal mewt tal-anzjana OMISSIS u dana *ai termini* ta' Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. L-elementi li jsawwru dan ir-reat ġew deskritti fis-sentenza mogħtija fit-22 ta' Frar 2023 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Arthur Castillo** (Numru 38/2021) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi l-Liġi tikkontempla sitwazzjoni fejn persuna tkun aġixxiet b'mod **negliġenti** u bħala **konsegwenza diretta** ta' dan l-għemil negliġenti ikun ġie **kkawżat event dannuż lil terzi persuni** liema event dannuż kien **prevedibbli għalkemm mhux previst**. L-elementi li jsawwru dan ir-reat kienu elaborati fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Perit Louis Portelli** deċiż nhar l-4 ta' Frar 1961 fejn ġie ritenut is-segwenti:
>
>> "Hu meħtieġ għall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art. 239 [illum 225] tal-Kodiċi Penali illi **<u>tirrikorri kondotta volontarja negliġenti</u> – konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb ("imprudenza"), traskuraġni ("negliġenza"), jew nuqqas ta' ħila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti speċifikatament f'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti – li tkun segwita b'ness ta' kawżalita' minn event dannuz involontarju**.""

Illi b'żieda ma' dak li ngħad hawn fuq għandu jingħad li huwa prinċipju ormai stabilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konkluzjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk iżda din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni.[5]

Illi din il-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellanti fir-Rikors tal-appell rispettiv tagħhom.

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Dwar Ir-Rikors Tal-Appell Tal-Appellanti OMISSIS**

Illi fl-ewwel aggravju tagħha l-appellanti OMISSIS tisħaq li d-*decide* tas-sentenza appellata ma tagħmel l-ebda riferenza għaliha

[5] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak**, 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

u b'hekk teċċepixxi n-nullita' tal-istess sentenza. Tisħaq li din is-sentenza ma tikkreax stat fil-konfront tagħha stante li ma ssemmiex isimha fil-parti tad-*decide*.

Illi din il-Qorti mhijiex ser tinvesti wisq ħin fuq dan l-aggravju minħabba li huwa manifestament frivolu. Biżżejjed wieħed iħares lejn l-aħħar paragrafu f'paġna 46 tas-sentenza appellata (*a fol.* 305) biex wieħed jara li isem l-appellanti OMISSIS qiegħed imsemmi b'mod ċar. Hemm imniżżel is-segwenti kliem (*a fol.* 305): *"qed issib lill-imputata **OMISSIS ĦATJA** tal-akkuża miġjuba kontra tagħha."*

Għaldaqstant, l-ewwel aggravju tal-appellanti OMISSIS qed ikun miċħud.

Illi fit-<u>tieni aggravju</u> tagħha l-appellanti OMISSIS tilmenta dwar interpretazzjoni żbaljata tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti. Tisħaq li kieku l-Ewwel Qorti wettqet interpretazzjoni korretta tal-provi, hija ma kinitx issib ħtija fiha. Tilmenta li l-Ewwel Qorti ddeċidiet fuq bażi ipotetiku meta semmiet li l-appellanti u l-ko-imputata l-oħra tellgħu lill-anzjana minn ma' l-art sabiex jaħbu dak li ġara. L-appellanti tgħaddi sabiex tagħmel mistoqsijiet retoriċi dwar ir-raġunament tal-Ewwel Qorti u tgħid li fl-ebda mument tul il-proċeduri ma toħroġ tali prova. Tispjega li ħareġ b'mod l-aktar ċar li wara l-akkadut, l-appellanti u l-ko-imputata l-oħra marru mill-ewwel isejjħu n-*nurse*. Tirreferi għal fatt li n-*nurse* Lovely Ann Ogoc stqarret li marret mill-ewwel ħdejn l-anzjana. Tisħaq li dan huwa kkonfermat minn *nurse* Elton Briffa u li għalhekk ma hemmx raġuni għalfejn l-Ewwel Qorti waslet għal konklużjoni li waslet għaliha.

Illi rigward il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti li l-appellanti u l-ko-imputata l-oħra setgħu jagħfsu l-buttuna, l-appellanti OMISSIS tisħaq li mill-atti proċesswali ma jirriżultax li tali buttuna kienet hemm. L-appellanti OMISSIS tgħid li anke kieku kienet hemm huwa magħruf li tali buttuna hija għal użu tal-pazjent. Tkompli li

għajr għal kwistjoni tal-buttuna, l-appellanti għamlet id-dover tagħha billi nfurmat lis-superjuri tagħha.

Illi rigward il-kunsiderazzjoni tal-Ewwel Qorti dwar il-fatt li l-anzjana ma kellhiex tingħabar mill-art mill-*carers* iżda minn persuni kwalifikati, l-appellanti OMISSIS tgħid li wieħed irid iqis iċ-ċirkostanzi tal-każ. Tirreferi għal argument tal-Ewwel Qorti rigward id-deċiżjonijiet tat-tabib fejn tgħid li wara kulħadd għaref. Fir-rigward tan-nuqqas tal-użu tal-buttuna, wieħed jista' jagħmel l-istess raġunamenti.

Illi l-appellanti OMISSIS tilmenta li tpoġġiet fuqha r-responsabilita' li kellha titpoġġa fuq il-professjonista. Tkompli li dan huwa aktar importanti meta jiġi kkunsidrat li ma nstab l-ebda ness ġuridiku bejn il-kawża immedjata u l-effett naxxenti mill-waqa'.

Illi l-appellanti OMISSIS tqabbel il-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti rigward l-aġir tat-tabib fil-kuntest ta' dak li jgħidu l-esperti ma' dak li tgħid l-Ewwel Qorti fir-rigward tal-*carers*. Tkompli li l-Ewwel Qorti wżat kejl żbilancjat dwar l-irfieħ tar-responsabilita' meta kien it-tabib li ħa d-deċiżjoni li ma jirreferiex lill-anzjana l-iSptar Mater Dei b'mod immedjat.

Illi l-appellanti OMISSIS tkompli billi tgħid li mkien fl-atti proċesswali ma tressqet prova ta' x'inhuma l-i*standards of procedure* ta' *carer*. Tisħaq li in konsegwenza tan-nuqqas ta' din il-prova, l-Ewwel Qorti ma setgħetx issib li kien hemm negliġenza. Tilmenta li qisu l-Ewwel Qorti straħet fuq dak li qalet *nurse* li ma mxewx fuq il-protokoll iżda dan il-protokoll ma huwiex fl-atti. Tkompli li anke jekk għal kirjanza jirriżulta li kien hemm xi nuqqas, ma hemm l-ebda prova li tali nuqqas wassal għal mewt tal-anzjana.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li bħala stat ta' fatt jirriżulta li meta l-appellanti OMISSIS u l-ko-imputata l-oħra kienu fid-dmir li jċaqalqu lill-anzjana għal fuq is-sodda huma

għamlu użu mil-*lifter* kif kellhom l-istruzzjoni li jagħmlu. Jirriżulta wkoll li f'dan il-proċess huma użaw speċi ta' liżar li jirreferu għalih bħala *hammock*. Jirriżulta wkoll mingħajr l-iċken dubju għax ġie ikkonfermat waqt il-proċess quddiem l-Ewwel Qorti li l-appellanti u l-ko-imputata l-oħra tellgħu lill-anzjana fuq is-sodda. Dawn huma fatti u jekk ippruvwax jagħmlu dan bil-għan li jaħbu dak li ġara jew le mhux ser ibiddel dan. Fl-atti proċesswali kien hemm *nurses* li jgħidu li l-pazjenta ma kellhiex tiċċaqlaq minn ma' l-art.

Illi din il-Qorti ma tistax tifhem għalfejn il-*carers* aġixxew b'mod tant istintiv minflok ma wettqu dak li huma mgħarrfa li għandu jsir. Tabilħaqq meta huma qajjmu lill-anzjana wara li waqgħet, huma (minħabba proprju l-fraġilita' li ġġib l-anzjanita' venerabbli tal-mejta) setgħu faċilment ikkawżaw peġġorament fil-ksur u dan kien faċilment prevedibbli minnhom. Rigward il-possibilita' li jagħmlu użu mill-*buzzer*, l-argument miġjub minnhom huwa fieragħ. Jista' jkun li fl-istat ta' paniku huma ma ġiethomx f'moħħhom li jagħfsu tali *buzzer* imma żgur li din kienet soluzzjoni vjabbli.

Illi fir-rigward tal-argument imressaq mill-appellanti OMISSIS dwar iċ-ċirkostanzi tal-każ anke kieku din il-Qorti kellha taqbel magħha jibqa' dejjem il-fatt li n-*nurses* xehdu li meta taqa' pazjenta din ma għandhiex tintrefa' iżda għandha titpoġġa mħadda taħt rasha u jiġi jaraha persuna kompetenti.

Illi din il-Qorti jirriżultalha li l-Ewwel Qorti kienet ġustifikata meta waslet għal konklużjoni li l-appellanti OMISSIS minkejja li kienet taf li ma kellhiex iċċaqlaq lill-anzjana minn ma' l-art huma xorta refgħuha. Jirriżulta li meta l-anzjana ġiet merfugħa, min refagħha aġixxa b'mod negliġenti minħabba li dan juri nuqqas ta' ħila minn naħa tiegħu.

Illi rigward in-ness bejn l-akkadut tal-waqa' u l-mewta tal-anzjana, din il-Qorti ħasbet fit-tul dwar dan il-punt u fil-fehma tagħha

huwa ċar li l-kawża ta' kollox kienet il-waqa' tal-anzjana minħabba imperizja tal-appellanti OMISSIS u l-ko-imputata l-oħra. Din il-Qorti tirrimarka li l-appellanti titfa' r-responsabilita' tas-*sling* fuq il-fiżjoterapista li għażlitha. Din il-Qorti tinnota li l-appellanti OMISSIS kellha esperjenza fix-xogħol tagħha u jekk kellha xi dubju dwar it-tip ta' *hammock* li kien qed jintuża kien messha tkellmet. Dan qiegħed jingħad minħabba li fil-*Manual* li hemm fl-atti proċesswali dwar kif issir il-proċedura jidher biċ-ċar li l-*hammock* ssuġġerita hija waħda li ddur mas-saqajn tal-pazjent.

Illi fatt ieħor li jidher li jimmilita kontra l-innoċenza tal-appellanti OMISSIS u jsaħħaħ it-teżi tan-negliġenza huwa li seta' kien previst mill-appellanti OMISSIS li l-anzjana setgħet taqa' xi darba jew oħra minn fuq il-*hammock* in kwistjoni,

Illi rigward ir-rwol ta' OMISSIS din il-Qorti tinnota li waqt li kien qed jixhed, OMISSIS spjega x'tip ta' trattament, fil-fehma tiegħu kienet sejra tirċevi l-anzjana. Minn naħa tiegħu dan it-trattament ġie korroborat minn Dr. Joseph Dimech meta jgħid hekk (*a fol.* 211):

> "Jiena sempliċiment punt għal Maġistrat, għadni qatt ma rajt f'sebgħa u tletin sena tabib, anzjana iktar minn tmenin sena issa qegħdin ngħidu għoxrin sena inqas minn din li kellha ksur fi spallitha u b'xi mod għamlu xejn iktar minn sempliċi *X-ray* orajt, mela issa taf li għandek ksur. Mela bħal ma qal il-kollega *sling*, *pain killers* u *whether you like it or not* s'hemm ħa naslu."

Illi għalhekk jidher li OMISSIS ordna l-istess trattament li kienet sejra eventwalment tirċievi l-isptar l-anzjana mingħajr ma ssuġġettaha għall-iskariġġ tal-iSptar. Konsegwentement jirriżulta li la kienet ser tieħu l-istess trattament bi skariġġ akbar jidher li d-destin tal-anzjana ġie deċiż bil-waqa' u mhux bid-deċiżjoni tat-tabib.

Illi rigward il-prova tal-protokoll li kellu jiġi segwit, din il-Qorti diġa' qalet aktar 'il fuq li ma taqbilx ma' din il-parti tal-aggravju stante li mhux *nurse* waħda qalet x'kellu jkun l-proċess.

Illi b'hekk isegwi li l-argumenti msemmija fit-tieni aggravju tal-appellanti OMISSIS qed jiġu mwarrba bil-konsegwenza li l-aggravju in eżami qed jiġi miċħud.

Illi fit-tielet aggravju tagħha l-appellanti OMISSIS tilmenta li hemm kontradizzjoni fir-raġunament tal-Ewwel Qorti minħabba li skont hi l-Qorti msemmija ma għamlitx apprezzament tal-provi korrett. Tispjega l-iter li għaddiet minnu l-anzjana sakemm mietet u tgħid li l-waqa' ma kinitx il-kawża diretta tal-mewt u li hija mietet kawża ta' deċiżjonijiet ta' terz waqt li l-Ewwel Qorti tgħid li l-kawża tal-mewt kienet il-waqa'. L-esperti minn naħa l-oħra jgħidu li l-kawża tal-mewt kienet l-attakk tal-qalb. Tkompli billi tgħid li dan kollu seta' kien prevenibbli b'mediċina adegwata.

Illi l-appellanti OMISSIS targumenta li l-Ewwel Qorti mxiet b'miżien differenti meta qabblet ir-responsabilita' tagħha bħala *carer* ma' dik tat-tobba u professjonisti. Tkompli li r-rapport tal-espert Dr. Mario Buttigieg huwa difettuż meta jsemmi l-*push handle* li minn analiżi tar-ritratti tidher hemm. Tikkritika li l-Ewwel Qorti qieset li l-apparat intuża ħażin minħabba li l-appellanti minflok il-kliem *"push handle"* tuża l-kliem *"handle bar"*. Iżda tgħid li l-Ewwel Qorti fuq dan qieset li l-apparat intuża ħażin. Tkompli li mill-atti proċesswali ma jirriżultax li l-*lifter* intuża ħażin. Tikkritika lill-espert Buttigieg meta kien hemm inkarigat l-*mechinal engineer* Dr. Matthew Spiteri. Tilmenta wkoll dwar il-fatt li l-Ewwel Qorti ripetutament tirreferi għall-appellanti bħala *nurse* mentri hija kull ma hija *carer*.

Illi dwar l-ilment marbut mad-deċiżjoni ta' terzi u ċioè dik tat-tabib OMISSIS, din il-Qorti tinnota li dan diġa' ġie ttrattat taħt l-aggravju preċedenti u b'hekk, sabiex tevita ripetizzjonijiet bla bżonn, tapplikah *mutatis mutandis* għal dan l-ilment. Rigward il-

punt jekk l-Ewwel Qorti mxietx b'miżien differenti, din il-Qorti ma taqblix ma' din l-asserzjoni minħabba li r-raġunament tal-Ewwel Qorti kien dipendenti fuq il-provi mressqa u fil-kuntest tal-atti hija waslet għal konklużjoni li t-tabib ma kienx negliġenti fl-aġir tiegħu. Minn naħa l-oħra fir-rigward tal-appellanti, l-Ewwel Qorti primarjament ma emmnithomx speċjalment ma emmnitx il-verżjoni mogħtija mill-appellanti l-oħra fejn tgħid li kienet qed tipprova żżomm lill-anzjana.

Illi rigward il-kwistjoni tal-*handle bar,* din il-Qorti rat bir-reqqa r-ritratti li hemm fl-atti proċesswali (*a fol.* 104 *et seq.*) u mhux ċar jekk fil-verita' kienx hemm *handle bar*. Din il-Qorti tara li jista' jkun hemm xi forma ta' *handle* imma dan jidher li huwa solidu u għalhekk ma tarax kif seta' jinżel fuq in-naħa ta' wara l-ħadida tal-*lifter* biex dan ta' l-aħħar ikun jista' jiġi manuvrat. Għalhekk stante li Dr. Buttigieg jgħid li ma kienx hemm *handle,* din il-Qorti propensa temmnu.

Illi allura jsegwi li ġialadarba ma kienx hemm *handle* jew tal-inqas ma kienx hemm *handle* li jista' jintuża b'mod komdu, x'aktarx il-konklużjoni tal-Qorti li setgħu mbuttaw il-*lifter* minn partijiet oħra tiegħu aktar saħħa. Fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-*lifter*, l-Ewwel Qorti waslet għal determinazzjoni li minħabba n-nuqqas tal-*handle* adegwat l-anzjana kienet qed tiġi mbuttata minn naħa ta' wara tal-*lifter* u għalhekk mhux kredibbli li l-*carer* l-oħra kienet qed iżżomm lill-anzjana minn wara.

Illi rigward l-argument fejn jiġi allegat li l-Ewwel Qorti kienet qed tirreferi għal appellanti bħala *nurse,* wara li din il-Qorti qrat is-sentenza appellata tinnota li f'parti mis-sentenza jingħad hekk (*a fol.* 296):

> **"Il-Qorti ma tistax tifhem kif persuna ta' tali eta taqa' minn taħt għajnejn żewġ semi professjonisti, li waħda (OMISSIS) minnhom tgħid li hija *nurse* f'pajjiżha u li fil-mori ta' dawn il-proċeduri topera**

**bħala *nurse* ukoll f'Malta meta l-*lifter* instab li kien qed jaħdem tajjeb u li l-*hammock sling* kienet ukoll bla difetti."**

Illi l-paragrafu hawn fuq ċitat huwa ċar u ma hemmx lok ta' spjegazzjoni ulterjuri tiegħu b'dana illi jirriżulta li l-Ewwel Qorti rriferiet għall-appellanti bħal semi-professjonisti u li waħda minnhom tgħid li għandha l-kwalifika ta' *nurse*. B'hekk isegwi li anke t-tielet aggravju tal-appellanti OMISSIS qed ikun miċħud *in toto*.

Illi fir-<u>raba' aggravju</u> l-appellanti OMISSIS tilmenta dwar il-fatt li r-responsabilita' tal-fiżjoterapista nġustament ġie trasferit fuqha u dan minħabba li skont hi l-apprezzament tal-provi dwar ir-responsabilita' *o meno* ma sarx u ġie mfixkel mill-Ewwel Qorti. Tispjega li hija ma kellha l-ebda rwol fl-għażla tas-*sling* u li din intgħażlet mill-fiżjoterapista. Tgħid li hija xorta ħadet il-prekawzjonijiet kollha li setgħet billi rat li l-ħolqiet kienu kollha mwaħħlin. Tgħid li ttieħdu miżuri sabiex jitnaqqas ir-riskju u li ġew infurmati immedjatament in-*nurses*. Tkompli billi tgħid li mill-atti proċesswali mkien ma jirriżulta li l-fatt li refgħu lill-anzjana wassal għal xi ġrieħi u li t-tabib ikkonferma li ma ra l-ebda anomalija fl-anzjana.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tgħid mal-ewwel li ma taqbilx ma' l-argument imqajjem mill-appellanti OMISSIS rigward l-allegazzjoni li r-responsabilita' tal-fiżjoterapista ntefa' fuqhom. Jingħad dan billi l-Ewwel Qorti speċifikament talbet li titressaq il-fiżjoterapista. Di piu' jirriżulta li l-Ewwel Qorti sabet ukoll li l-appellanti aġixxiet ħażin meta qajjmet lill-anzjana u ġiet impoġġija fis-sodda. Minbarra dan l-appellanti messha lmentat dwar is-*sling* mas-superjuri tagħha. L-Ewwel Qorti ma emmnitx il-verżjoni mogħtija fejn jingħad li waħda kienet qed timbotta u l-oħra kienet qed iżżomm lill-anzjana. Għalhekk ma kinitx kwistjoni li tgħabbew bir-responsabilita' tal-fiżjoterapista. Il-kwistjoni kienet li huma kienu tnejn sabiex jitrasferixxu lill-

anzjana minn fuq pultruna għal fuq is-sodda u minflok b'ċerta superfiċjalita' ma kienux qed jżommu lill-anzjana sabiex ma tmurx tiżloq. Jirriżulta li wara li l-anzjana waqgħet, b'negliġenza grossolana refgħuha mill-art u poġġewha fis-sodda tagħha. Tenut kont ta' dan kollu din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha bil-konsegwenza li anke l-aggravju in eżami jistħoqqlu jiġi miċħud.

Illi l-<u>ħames aggravju</u> tal-appellanti OMISSIS, liema aggravju huwa mingħajr preġudizzju għall-aggravji l-oħra, huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tagħha. L-appellanti OMISSIS tiddeskrivi tali piena bħala waħda eċċessiva. L-appellanti msemmija titlob li f'każ li din il-Qorti tikkonferma s-sejbien ta' ħtija tagħha li hija tingħata piena anqas kiefra.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota illi huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' revizjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta li l-Ewwel Qorti qalet hekk (*a fol.* 305 *et seq.*): "*tqis li fiċ-ċirkostanzi tal-każ il-multa ma hiex idonea stante li hawn tilfet ħajjitha persuna u l-ħajja ma tistax tingħata prezz, iżda tqis ukoll illi stante il-fedina penali nadifa tal-imputata piena ta' priġunerija effettiva ma hiex idoneja u konsegwentement qed tikkundanna lill-imputata OMISSIS għal sena priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tiġi sospiża għal erba' snin.*" Apparti dan jirriżulta li l-Ewwel Qorti kkundannat lill-appellanti

OMISSIS nofs l-ispejjeż *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li qalet l-Ewwel Qorti u li ġie ċitat fil-paragrafu preċedenti li din il-Qorti tagħmlu tagħha u tenut ukoll tal-piena li temerġi minn Artikolu 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fejn l-Ewwel Qorti setgħet saħanistra kkundannat lill-appellanti għal piena effettiva ta' priġunerija, din il-Qorti ma tarax raġuni valida għala għandha tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellanti OMISSIS bil-konsegwenza li anke l-aggravju in eżami qed ikun miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

**Konsiderazzjonijiet Dwar Ir-Rikors Tal-Appell Tal-Appellanti OMISSIS**

Illi fir-Rikors tal-appell tagħha l-appellanti OMISSIS targumenta li l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tagħha ma tirriżultax u tgħid għala dan huwa hekk. Hija tibda billi tgħid li ġiet misjuba ħatja ta' reat ta' omiċidju involontarju skont Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Hija tilmenta dwar l-evalwazzjoni tal-provi li ġew imressqa quddiem l-Ewwel Qorti. Tispjega li l-evalwazzjoni tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti tipekka serjament anke fir-rigward ta' elementi bażilari fil-kamp kriminali bħal preżunzjoni tal-innoċenza. Tkompli li hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-każ tagħha u fejn din setgħet tressaq prova primarja ma tistax tistrieħ fuq prova sekondarja.

Illi l-appellanti OMISSIS tagħmel riferenza għal partijiet mis-sentenza appellata u tgħid li mill-provi prodotti ma hemm xejn li fuqu l-Ewwel Qorti setgħet issejjes tali konklużjoni. Tkompli li l-Prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova dwar xi protokolli, SOP's jew taħriġ mogħti lilha dwar kif għandha taġixxi f'każ fejn persuna anzjana taqa' u dana minkejja li tressqu numru ta' xiehda.

Illi minn naħa l-oħra ssir referenza għax-xiehda tat-tabib OMISSIS li jgħid li normalment persuna li taqa' titpoġġa lura fis-sodda. Dan b'kuntrast ma' dak li ddeċidiet l-Ewwel Qorti. Tirreferi għax-xiehda tagħha fejn tispjega li minħabba li l-anzjana ppruvat tqum ma kien hemm l-ebda alternattiva ħlief li terġa' titpoġġa fis-sodda tagħha għax kienet sejra taħbat rasha. Tikkwota parti mix-xiehda mogħtija mill-imputata l-oħra li tikkonferma l-verżjoni mogħtija mill-appellanti OMISSIS.

Illi l-appellanti OMISSIS tgħid li ma tressqet l-ebda prova li tista' tipprova dak li kkonkludiet l-Ewwel Qorti dwar x'kellu jsir meta taqa' pazjenta anzi jirriżulta li hija aġixxiet fl-aħjar interess tal-anzjana għax kien hemm ir-riskju li din taħbat rasha. Tisħaq li konsegwentement ma kien hemm xejn inkuranti fil-fatt li refgħu l-anzjana.

Illi l-appellanti OMISSIS tilmenta li ma hemm l-ebda prova medika li tindika li meta l-anzjana ntrefgħet mill-art li ġiet arrekata lilha ħsara fiżika. Dan lanqas ma jirriżulta mir-rapport *post mortem* ta' Dr. Bridget Ellul. Tkompli li l-istess jgħodd għar-rapport ta' Dr. Mario Scerri.

Illi l-appellanti OMISSIS tkompli billi tagħmel riferenza għall-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti rigward ix-xiehda tal-istess appellanti dwar dak li ddettalha l-istint tagħha. Tgħid li l-Ewwel Qorti ma tispjegax għax-xiehda ta' liema imputata kienet qed tirreferi għaliha. Minbarra dan skont l-appellanti OMISSIS din il-frażi ma tirriżulta imkien – la fix-xiehda tagħha u lanqas fix-xiehda tal-ko-imputata l-oħra.

Illi l-appellanti OMISSIS tirreferi għall-fatt li l-Ewwel Qorti tirreferi għal *carer* bħala professjoni u tgħid li tagħha mhux professjoni għax dan huwa xogħol imħallas b'paga miżera u li għal dan ix-xogħol ma hemmx konkorrenza mill-Maltin proprju minħabba tali kundizzjonijiet. Tkompli billi tgħid li Kapitolu 464 tal-Liġijiet ta' Malta (L-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa) lanqas

jirrikonoxxi tali professjoni u tgħid li għalhekk tali riferenzi huma għal kollox żbaljati.

Illi l-appellanti OMISSIS tkompli tikkritika s-sentenza appellata fejn skont hi (OMISSIS) bdiet tagħmel ċertu konġetturi u marret lil hinn mill-fatti u mill-provi. Tagħmel riferenza għal parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti tqis li jista' jkun li ddeċidew li jtellgħu l-anzjana lura biex jaħbu dak li ġara. Tisħaq li dan ma hu sostnut bl-ebda prova iżda hija biss mera spekulazzjoni.

Illi l-appellanti OMISSIS tirreferi wkoll għal parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti tgħid li ma temminx li l-akkadut seħħ 30 ċentimetru mis-sodda u tispjega li x'aktarx l-Ewwel Qorti ma fehmitx dak li ntqal. Tibda billi tindika li dan qalitu l-ko-imputata l-oħra u tkompli li minħabba l-proċess fejn l-anzjana kienet qed titressaq lejn is-sodda fil-mument meta waqgħet id-distanza tfisser li kienet ressqet sa 30 ċentimetru. Tisħaq li għalhekk jidher li l-Ewwel Qorti għamlet asserzjoni gratuwita. Tirreferi għal parti oħra mis-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti tirreferi għal din il-manuvra u tirrepeti li din il-parti turi li l-Ewwel Qorti ma fehmitx id-dinamika tal-akkadut u tal-manuvra li kienet qed titwettaq.

Illi l-appellanti OMISSIS tgħaddi biex tispjega l-manuvra li kienet qed issir sabiex l-anzjana tiġi trasportata għal fuq is-sodda. Tkompli li għalhekk bilfors kien hemm mumenti li l-anzjana kienet qed tiġi trasportata fuq l-art bejn il-pultruna u s-sodda.

Illi l-appellanti OMISSIS tirreferi għal parti oħra tas-sentenza appellata fejn jingħad kif l-anzjana setgħet taqa' minn taħt għajnejhom meta huma tant esperjenzati. F'dan ir-rigward l-appellanti tgħid li hija kienet qed taħdem ta' *carer* u mhux ta' *nurse*. Tgħid li minkejja li l-Ewwel Qorti qalet li l-*lifter* ma kienx difettuż hija xorta talbet li s-sentenza tagħha tiġi komunikata lill-awtoritajiet u minbarra dan l-espert imqabbad mill-Qorti jgħid li l-*lifter* kellu *push handle* nieqsa. Fl-aħħar tgħid li dan il-kumment minn naħa tal-Qorti huwa żbaljat meta jiġi kkunsidrat li mill-fatti

jidher li l-akkadut seħħ proprju minħabba li l-*hammock sling* magħżula mill-fiżjoterapista ma kinitx tajba tant li l-istess l-Ewwel Qorti talbet li jittieħdu proċeduri kontra l-istess fiżjoterapista.

Illi l-appellanti OMISSIS tagħmel riferenza għal parti oħra mis-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti tgħid li x'aktarx dan l-akkadut ma kienx iseħħ jekk l-anzjana intrabtet b'*harness*. Tkompli li għalhekk is-sejbien ta' ħtija minħabba negliġenza tagħha mhux konċiljabbli ma' din id-dikjarazzjoni stante li l-akkadut seħħ minħabba li s-*sling* magħżula mill-fiżjoterapista ma kinitx tajba.

Illi l-appellanti OMISSIS tirreferi wkoll għal bran ieħor mis-sentenza appellata fejn jingħad li hija kellha toqgħod aktar attenta. F'dan ir-rigward tispjega li ma hemmx obbligu ta' kura superjuri imma li hemm bżonn li persuna taġixxi ta' *bonus paterfamilias* speċjalment meta wieħed iqis li x-xogħol ta' *carer* mhux professjoni.

Illi l-appellanti OMISSIS tirreferi wkoll għal bran tas-sentenza appellata fejn din tgħid li l-akkadut x'aktarx seħħ minħabba li meta l-*carer* l-oħra kienet qed iċċaqlaq lill-pazjenta waħidha din tbandlet, f'dan il-bran l-Ewwel Qorti tgħid li l-appellanti setgħet ma kinitx hemm jew setgħet kienet il-bogħod b'dan li ma laħqitx intervjeniet. Tispjega li din in-narrattiva ma hija bbażata fuq l-ebda prova. Tgħid li mill-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet jirriżulta li dawn kienu konsistenti fix-xiehda tagħhom. Tirreferi għax-xiehda tagħha fl-Inkjesta u tgħid li din ġiet ripetuta quddiem l-Ewwel Qorti. Tispjega li għalhekk ir-raġuni ewlenija tal-akkadut kienet li l-*sling* magħżula mill-fiżjoterapista ma kinitx tajba għal anzjana.

Illi l-appellanti OMISSIS tkompli tgħid li da parti tagħha ma jirriżultax li kien hemm ebda konkors ta' kondotta inqas minn dak li huwa meħtieġ minn *bonus paterfamilias* u għalhekk ma jirriżultawx l-estremi rikjesti mil-liġi. Lanqas ma jirriżulta li l-

appellanti ma segwietx xi regolament. Tkompli li sabiex tirriżulta ħtija trid tirriżulta każwalita' bejn l-event dannuż u konsegwenza. Tgħid li l-attakk tal-qalb kien jiġi evitat kieku t-tabib ta l-kura neċessarja lill-anzjana. Targumenta li minħabba dan in-nuqqas ġiet miksura iċ-*chain of causation* bejn l-event dannuż u l-konsegwenza tal-fatalita' u li għalhekk dan l-element huwa nieqes ukoll.

Illi dwar dak imsemmi mill-appellanti OMISSIS fir-Rikors tal-appell tagħha, din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-4 ta' Mejju 2021 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Hili** (Numru 298/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta, wara li għamlet riferenza u kkwotat Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qalet hekk:

> "Kif ingħad fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Saverina sive Rini Borg et**, deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998;
>
> > *"Skond l-Artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali, sabiex jirriżulta d-delitt ta' omiċidju involontarju, hemm bżonn li tirrikorri kondotta volontarja negliġenti, konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb (imprudenza), negliġenza jew traskuraġni, jew ta' ħila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti speċifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-liġijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawżalita', minn akkadut dannuż involontarju."*
>
> [...]
> Bl-istess mod, il-**Professur Anthony J. Mamo**, fin-noti tiegħu, jgħid hekk:
>
> > *"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or*

> *desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable"*[6].

U fis-sentenza fuq ċitata, ġie ritenut hekk dwar il-kondotta kolpuża:

> *"… kondotta kolpuża hija definita bħala kondotta volontarja li tikkaġuna event dannuż, mhux volut, iżda prevedibbli, li seta' jiġi evitat bl-użu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali".*

[...]

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Saverina sive Rini Borg et**, fuq ċitata ingħad illi:

> *"L-imprudenza tiġi mill-aġir ta' xi ħadd mingħajr ma jqiesu l-opportuni kawteli".*

In-negligenza tiġi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-aġent fil-kondotta tiegħu, filwaqt illi;

> *"l-imperizja hija l-forma speċifika tal-kulpa professjonali ċioè, kif jgħid il-Manzini: inettitudine e insufficienza professionale, generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto*[7]*".*

Skond l-imsemmija sentenza,

> *"Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll għal non osservanza tal-liġijiet, regolamenti, ordnijiet u*

[6] "Prof. Sir A. J. Mamo, Lectures in Criminal Law, p. 67."
[7] "**Il-Pulizija vs. Saverina sive Rine Borg**, fuq ċitata."

> *simili, bħal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita' pubblika dwar xi attivita' determinata u speċifika bl-iskop li jiġi evitat il-possibilita' ta' ħsara u dannu lil terzi, ċjoe`, dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni."*

[...]

Dwar id-diliġenza rikjesta fil-kamp kriminali, il-Professur Anthony Mamo jgħid illi:

> *"The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" … What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (Carrara, Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down."*[8]"

Illi stabbilit dawn il-punti din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistħarreġ l-ilmenti mressqa mill-appellanti OMISSIS fir-Rikors tal-appell tagħha u b'mod partikolari tibda mill-kritika li l-appellanti OMISSIS tressaq kontra s-sentenza appellata fejn din tasal għal konklużjoni li l-appellanti flimkien mal-ko-imputata l-oħra kienet

[8] "Lectures in Criminal Law (First Year), p. 71."

taf li ma kellhiex tqajjem lill-anzjana wara li din waqgħet. Dwar dan il-punt, din il-Qorti tinnota li ma taqbel xejn ma' dak li tgħid l-appellanti. Fl-aħħar mill-aħħar għalkemm huma ma humiex *nurses*, ġialadarba qed jimmaniġġaw anzjani huwa mistenni minnhom li huma għandhom minimu ta' għarfien ta' kif għandhom jagħmlu xogħolhom. Ikun ferm aktar gravi li kieku ma għandhomx tali għarfien u xorta qed jidħlu għal tali xogħol. Minbarra dan il-fatt li huma għandhom ċertu livell ta' konoxxenza tas-suġġett joħroġ ukoll mix-xiehda mogħtija minn Maria Casapinta waqt id-depożizzjoni tagħha fejn tgħid hekk (*a fol.* 94):

> "Bħala proċedura aħna bħala *nurse* ma noqgħodx ngħallmu lill-*carers* xi jsir meta jinqala' xi ħaġa għax dawn suppost huma mgħallmin kif għandhom jieħdu ħsieb pazjent."

Illi għalhekk l-Ewwel Qorti kienet korretta meta tgħid li l-appellanti kienet taf li ma kellhiex terfa' lill-anzjana wara li din waqgħet. Minbarra dan hemm numru ta' *nurses* li jirrepetu li anzjana meta taqa' kull ma jrid isir huwa li titpoġġa mħadda taħt rasha u wieħed jistenna li din tiġi nvistata minn tabib. Għalhekk huwa fil-fehma ta' din il-Qorti paċifiku li l-appellanti OMISSIS kienet taf li mhux suppost tqajjem lill-anzjana. Di piu' din l-istess azzjoni kienet tmur kontra l-istruzzjonijiet li kellhom u ċioè li jċaqalqu lill-anzjana biss permezz tal-*lifter*.

Illi dwar ix-xiehda mogħtija minn OMISSIS rigward il-fatt li pazjent jerfgħuh lura fis-sodda, għalkemm huwa minnu li t-tabib jgħid hekk, huwa minnu wkoll li ma jgħidx jekk il-pazjent jintrefax wara li jiġi nvistat u lanqas jgħid jekk jintrefax permezz ta' *lifter*. Minn naħa l-oħra hemm tliet nurses u ċioè Elton Briffa, Maria Casapinta u Lovely Ann Ogoc li jikkonfermaw li anzjana li taqa' ma għandhiex titqajjem qabel ma tiġi nvistata.

Illi rigward l-ilment imressaq mill-appellanti OMISSIS dwar il-kwalita' tal-provi, għalkemm huwa minnu li l-Prosekuzzjoni

għandha l-obbligu li tressaq l-aqwa provi kemm favur kif ukoll kontra l-imputat huwa veru ukoll li hija d-diskrezzjoni tal-istess Prosekuzzjoni li tiddeċiedi xi provi għandha tressaq. B'dana illi jekk il-Prosekuzzjoni tkun tal-fehma li ressqet biżżejjed provi ma għandha l-ebda obbligu li tressaq aktar provi. Sta mbagħad għal ġudikant li jagħrbel il-provi u jara jekk il-livell rikjest fil-kamp kriminali effettivament intlaħaqx. F'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fis-27 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Gerada** (Numu 237/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "38. Ir-regola proċedurali bażi hija dik li l-Prosekuzzjoni trid iġġib il-quddiem l-iktar prova sħiħa u b'saħħitha nonche' l-aqwa prova. Iżda jekk l-imputat ikun jidhirlu li l-Prosekuzzjoni kellha ġġib xi prova u din il-prova ma tkunx ġiet prodotta mill-Prosekuzzjoni, dan ma jkunx ifisser li minħabba f'hekk il-każ tal-Prosekuzzjoni jkun difettuż. Fl-evalwazzjoni tal-każ li jkollha quddiemha l-Qorti trid tħares lejn il-kwadru probatorju kollu u mhux lejn biċċiet ta' evidenza meqjusa singolarment u b'mod spezzettat. Jekk il-Prosekuzzjoni jkun jidhrilha li bil-provi li tkun ressqet, hija tkun diġà pruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, il-Prosekuzzjoni tista' tieqaf hemm. Imbagħad jispetta lill-ġudikant li jagħmel eżerċizzju ta' apprezzament ta' dawk il-provi u jqis jekk kinux tassew jissodisfaw dak il-livell ta' suffiċjenza probatorja biex jirnexxu b'suċċess l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat. Kif ġie mistqarr fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Richard Calleja** deċiż nhar it-2 ta' Ottubru 2014, l-Artikolu 638(1) tal-Kodiċi Kriminali, juża' d-diċitura 'bħala regola' u għalhekk:
>
> > "Dan ifisser, kwindi, illi jekk il-Prosekuzzjoni għal xi raġuni tħalli barra xi xhud ma jfissirx illi b'daqshekk il-każ tagħha jkun kompromess,

> kollox jiddependi mill-assjem tal-provi miġbura u kemm dawn iwasslu sa dak il-konvinċiment morali f'moħħ il-ġudikant illi l-imputat għandu jkun responsabbli għall-akkużi addebitati lilu. F'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni ddeċidiet illi lil Carmelo Caruana ma ttelgħux bħala xhud f'din il-kawża. Kienet fid-diskrezzjoni tal-Prosekuzzjoni ttellgħux jew le din id-deċiżjoni żgur li m'għandhiex taffetwa l-kumplament tal-provi prodotti illi fuqhom il-Qorti għandha tibbaża d-deċiżjoni tagħha. U hekk għamlet l-ewwel Qorti.""

Illi rigward ir-riferenzi li jsiru mill-appellanti OMISSIS għal dak li tgħid il-ko-imputata l-oħra tajjeb jingħad li dak li jgħid ko-imputat għandu jgħodd biss għal każ tiegħu. Stabbilit dan, din il-Qorti temmen dak li qalet l-appellanti rigward il-fatt li l-anzjana kienet *restless* u ppruvat tqum. Din hija reazzjoni naturali. Iżda din il-Qorti ma taqbilx li l-azzjoni li għamlet l-appellanti kienet l-unika azzjoni vijabbi. Ibda billi jingħad illi kien l-obbligu tagħhom li jikkalmaw lill-anzjana u tal-inqas iġibulha mħadda taħt rasha. Minbarra dan huma setgħu iċaqalqu l-*lifter* jew jiftħu aktar is-saqajn tal-*lifter*.

Illi għalkemm huwa minnu li mhux ċar meta ġie kkawżat il-ksur tal-anzjana u ċioè jekk hux waqt il-waqa' jew meta ġiet merfugħa, iżda huwa ovvju għal din il-Qorti li kien f'wieħed minn dawn il-mumenti li l-anzjana weġġgħet. Huwa paċifiku li ż-żewġ azzjonijiet twettqu b'ċerta superfiċjalita' mill-istess *carers* u għalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti huwa irrilevanti f'liema stadju l-anzjana soffriet il-ksur. Rigward it-trasport tal-anzjana bil-*lifter,* din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li qalet preċedentement fl-fir-rigward tal-appell tal-appellanti l-oħra OMISSIS u *mutatis mutandis* tapplikah għal dan l-appell b'dana li din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellanti kienet negliġenti kemm fl-attenzjoni li kienet qed tagħti lill-manuvra li kienet qed issir kif ukoll fil-fatt li

minkejja dak indikat fis-*Safety Guides* tal-*Patients Lifts* huma xorta ttraspurtaw l-anzjana minkejja li l-*hammock* użata ma kinitx ideali.

Illi dwar ir-riferenza tal-Ewwel Qorti għal appellanti bħala *nurse*, din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li qalet aktar 'il fuq f'din is-sentenza f'dan ir-rigward fir-rigward tal-appell tal-appellanti l-oħra OMISSIS u tapplikah hawn u dana fejn l-Ewwel Qorti ssemmi li huma "semi professjonisti".

Illi rigward il-Kapitolu 464 tal-Liġijiet ta' Malta, minkejja li dan ma jkoprix ir-rwol ta' *carer* jibqa' xorta l-punt li Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ma japplikax biss għal professjonisti.

Illi rigward l-ilment imressaq mill-appellanti OMISSIS dwar l-allegati konġetturi magħmula mill-Ewwel Qorti dwar ir-raġuni għalfejn l-anzjana ttellgħet fuq is-sodda wara li din kienet waqgħet mal-art, din il-Qorti hija tal-fehma li dan ma jbiddel xejn mil-fatti liema fatti huma li l-anzjana waqgħet mal-art meta l-appellanti OMISSIS u l-ko-imputata l-oħra kienu qed iċaqalquha u li huma refgħuha mingħajr l-użu tal-*lifter* meta hija waqgħet. Għalhekk anke jekk wieħed kellu jara dawn ir-rimarki bħala konġetturi, dan ma jnaqqas xejn mill-element finali u ċioè li b'neġliġenza l-appellanti OMISSIS ikkawżat ksur lill-anzjana liema ksur kien direttament marbut mal-attakk tal-qalb li wassal għal mewt tagħha. Di piu' għalkemm ma kienx previst mill-appellanti seta' kien prevedibbli li jekk ma tużax ir-reqqa neċessarja l-anzjana setgħet tiżloq mill-*hammock*. Din il-Qorti tgħid dan minħabba li kieku l-appellanti żammet lill-anzjana tajjeb sakemm din kienet qed tiġi mċaqalqa, din ma kinitx taqa' tenut kont ukoll tal-fatt li l-espert Dr. Mario Buttigieg qal hekk (*a fol.* 111):

> "Meta l-esponent għamel aċċess u anki daħal fil-*lifter* fl-istess *hammock* li kienet fih OMISSIS jekk verament tkun f'pożizzjoni tajba hi qatt ma setgħet taqa' ħlief li trid

> tagħti skoss il-quddiem u fil-pożizzjoni tagħha kienet impossibbli."

Illi punt ieħor li tinnota din il-Qorti huwa kif la l-appellanti OMISSIS u lanqas il-ko-imputata l-oħra ma kienu kapaċi jispjegaw kif l-anzjana waqgħet. Fatt dan li jindika li ftit li xejn kienet qed tingħata attenzjoni lill-anzjana waqt il-manuvra.

Illi rigward il-kwistjoni tat-30 ċentimetru din il-Qorti tifhem l-argument imressaq mill-appellanti OMISSIS iżda dan ma jbiddel xejn mill-fatt li l-anzjana sofriet ksur taħt il-kustodja tagħhom. Id-distanza li kienet mis-sodda hija irrilevanti għal kuntest kollu. Li kellu jiġi ppruvat mill-Prosekuzzjoni hija l-azzjoni volontarja negliġenti li wasslet għal event dannuż liema avveniment seta' jiġi evitat. Fil-fehma ta' din il-Qorti dawn l-elementi ġew ippruvati. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dak li tgħid l-appellanti OMISSIS u ċioè li hija nstabet ħatja minħabba li l-Ewwel Qorti ma fehmitx il-manuvra li kienet qed titwettaq. L-appellanti OMISSIS instabet ħatja minħabba li hija ma kinitx qed twettaq dmirijietha b'mod tajjeb u dan jixhdu l-fatt li l-anzjana waqgħet ma' l-art u aktar u aktar għax ġiet miġbura mill-art mingħajr ma ntuża l-*lifter* u mingħajr ma ġiet invistata minn tabib.

Illi rigward il-kwistjoni fejn ġie dikjarat li l-*lifter* ma kellux difetti iżda l-Ewwel Qorti minkejja dan xorta talbet li s-sentenza tiġi komunikata lill-awtoritajiet, din il-Qorti ma tarax kontradizzjoni minħabba li jidher li l-għan tal-Ewwel Qorti huwa li jiġi evitat inċident ieħor bħal dan. Tant dan huwa hekk li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti qalet hekk (*a fol.* 307):

> "u dan sabiex il-pazjenti ma jintefgħux f'keffa waħda jew tnejn iżda fejn hu meħtieġ attenzjoni u apparat ieħor partikulari għall-ħtiġijiet tal-pazjenti u anzjani tagħna, tali attenzjoni u apparat ikunu disponibbli u jingħataw u mhux tintilef il-ħajja tan-nies għal tali ommissjoni jew nuqqas."

Illi dak appena ċitat huwa ċar u ma għandux bżonn spjegazzjoni ulterjuri.

Illi rigward il-livell ta' diliġenza neċessarja, din il-Qorti tinnota li meta persuna ta' mitt sena taqa' waqt li tkun fil-kustodja ta' xi ħadd ieħor u dan ix-xi ħadd ieħor lanqas ikun jista' jispjega kif dan ġara żgur li ma jwassalx għal livell ta' diliġenza rikjesta mil-liġi. Din mhijiex kwistjoni ta' kura superjuri iżda hija kwistjoni ta' diliġenza u kura normali.

Illi rigward il-parti fejn l-Ewwel Qorti ssemmi li l-appellanti ma kinitx hemm jew setgħet kienet il-bogħod, din il-Qorti taqbel pjenament ma' din il-kunsiderazzjoni. Li kieku l-appellanti kienet viċin l-anzjana kienet tkun qiegħda tara li din tkun f'postha u mhux titbandal u taqa'. Xiehda ta' dan huwa proprju l-fatt li l-anzjana mhux biss iżżelqet ftit imma waqgħet mal-art daqs li kieku ma kien hemm ħadd iżommha.

Illi rigward ir-rwol tat-tabib f'dan kollu, dan diġa' ngħad aktar 'il fuq meta saru l-konsiderazzjonijiet minn din il-Qorti dwar l-appell tal-appellanti OMISSIS u, a skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti tirreferi għal dak li qalet dwaru aktar 'il fuq u *mutatis mutandis* tapplikah għall-appell tal-appellanti OMISSIS.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-ilmenti mressqa mill-appellanti OMISSIS fir-Rikors tal-appell tagħha jsegwi li tenut kont ta' kollox l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha b'dana illi dawn l-ilmenti kollha msemmija mill-appellanti OMISSIS qed jiġu mwarrba bil-konsegwenza li l-appell tagħha jistħoqqlu jiġi miċħud.

## Ikkunsidrat

## Konsiderazzjonijiet Dwar Ir-Rikors Tal-Appell Tal-Appellant Avukat Ġenerali

Illi kif ingħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza l-appell tal-appellant Avukat Ġenerali huwa dwar in-nuqqas ta' sejbien ta' ħtija fl-appellat OMISSIS mill-Ewwel Qorti fir-rigward tal-imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu.

Illi l-aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali jikkonsisti fil-fatt illi skont hu l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti fir-rigward tal-appellat OMISSIS kien żbaljat. L-Avukat Ġenerali jikkontendi li hemm ness ċar bejn l-aġir u d-deċiżjonijiet li ttieħdu u l-mewt tal-anzjana OMISSIS. Jirreferi għal fatti kif seħħew u għad-deċiżjonijiet tal-appellat OMISSIS fejn iddeċieda li ma jibgħatx lill-anzjana l-iSptar Mater Dei. Ikompli li dawn id-deċiżjonijiet jirriżultaw f'negliġenza grossolana minn naħa tal-appellat OMISSIS. L-Avukat Ġenerali jisħaq li dan jirriżulta b'aktar qawwa meta wieħed iqis li kien hemm xiehda ta' livell aktar baxx mill-appellat li kienu sorpriżi li ma kienx bagħat lill-anzjana l-iSptar Mater Dei. L-appellant Avukat Ġenerali jargumenta li l-kumplikazzjonijiet li nqalgħu lill-anzjana OMISSIS u l-attakk tal-qalb li sofriet b'riżultat tal-uġiegħ kien kollu prevedibbli u seta' jiġi evitat li kieku l-appellat OMISSIS għamel xogħlu b'mod professjonali u rrifera lill-anzjana OMISSIS ġewwa l-Isptar sabiex tirċievi l-kura neċessarja. L-Avukat Ġenerali jargumenta li OMISSIS kien negliġenti meta huwa kien ben konsapevoli ta' dak li ġarrbet OMISSIS u li hija kienet ġarrbet ksur u li tali ksur ma kienx ġie eżaminat taħt *X-ray* u li hu kien ħallieha muġugħa ġewwa r-residenza mingħajr ma bagħatha l-isptar għall-osservazzjoni.

Illi dwar ir-Rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali, din il-Qorti tinnota li l-verżjoni mogħtija mill-appellat OMISSIS hija li meta nvista l-ewwel darba lill-anzjana, hija ma wrietx sintomi ta' xi

uġiegħ partikolari. Jispjega li waqt li kien qed jinvista għall-ewwel darba lill-anzjana, in-*nurse* Elton Briffa ġibdilha rasha lejn sidru u ma tkerrħitx.

Illi għandu jingħad li meta l-appellat OMISSIS reġa' ġie mgħajjat minħabba li l-anzjana kienet qed tħoss uġiegħ, huwa flimkien mal-anzjana ddeċieda li kellha tieħu *X-ray* l-għada filgħodu. Sadanittant huwa ordna li titpoġġilha *sling* u li tingħata *pain killers*. Jiġġustifika din id-deċiżjoni minħabba li skont huwa kieku bagħatha l-isptar x'aktarx kienet tmut hemmhekk. L-appellat OMISSIS jgħid ukoll li tenut kont tal-eta' tal-anzjana x'aktarx l-unika trattament li kienet tingħata kienet pinnoli u *X-ray* minħabba li t-tobba ta' Mater Dei ma kienux sejrin joperaw il-pazjenta b'dana illi allura huwa ta lill-anzjana l-istess trattament li kieku kienet tirċevi l-Isptar mingħajr ma għaddieha mill-istess kedda. Minn naħa l-oħra dak li jiġi kontestat lill-appellat huwa proprju d-deċiżjoni li ħa huwa li ma jibgħatx lill-anzjana l-iSptar meta kien jaf li kellha bżonn *X-ray* iżda ttardja l-*X-ray* għall-għada filgħodu.

Illi dak li għandha tara din il-Qorti huwa jekk id-deċizjoni tal-appellat OMISSIS kinitx negliġenti. Diġa' ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza li mill-kummenti magħmula minn Dr. Joseph Dimech jirriżulta li dak li qal l-appellat OMISSIS dwar it-trattament huwa minnu. Aktar 'il fuq f'din is-sentenza saret riferenza għal dak li qal l-imsemmi Dr. Joseph Dimech meta jirriżulta li ngħad hekk (*a fol.* 211):

> "Jiena sempliċiment punt għal Maġistrat, għadni qatt ma rajt f'sebgħa u tletin sena tabib, anzjana iktar minn tmenin sena issa qegħdin ngħidu għoxrin sena inqas minn din li kellha ksur fi spallitha u b'xi mod għamlu xejn iktar minn sempliċi *X-ray* orajt, mela issa taf li għandek ksur. Mela bħal ma qal il-kollega *sling*, *pain killers* u *whether you like it or not* s'hemm ħa naslu."

Illi għalhekk jirriżulta li t-trattament li ordna l-appellat OMISSIS kien wieħed korrett. Li jibqgħalha dubju din il-Qorti huwa kif minkejja li kienet ingħatat il-*pain killers*, l-anzjana xorta mietet kawża ta' l-uġiegħ. Iżda dan id-dubju żgur mhux biżżejjed sabiex jiġi determinat li l-appellat OMISSIS mexa b'mod negliġenti tenut kont il-kummenti magħmula minn Dr. Dimech. Minn naħa l-oħra, il-kwistjoni tan-nuqqas ta' *stock* ta' *sling* ma jwassalx lil din il-Qorti għall-istess raġunament tal-appellant Avukat Ġenerali. Filwaqt li din il-Qorti tara li tali nuqqas huwa deplorabbli anzi huwa tal-mistħija, f'dan il-każ ma kienx sejjer jagħmel differenza minħabba li mir-rapport tal-awtopsija (Dok. "BE" – *a fol.* 49 *et seq.*), il-frattura kienet fl-għonq u mhux fl-ispalla tal-pazjenta (*a fol.* 52).

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq fir-rigward tal-appell tal-appellant Avukat Ġenerali, din il-Qorti hija tal-fehma li ma tirraviżax xi forma ta' negliġenza fil-kondotta tal-appellat OMISSIS b'dana illi l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha bil-konsegwenza li l-appell tal-Avukat Ġenerali qed ikun miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tiċħad l-appelli mressqa mill-appellanti OMISSIS u OMISSIS, tiċħad ukoll l-appell tal-appellant Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi kwalunkwe terminu msemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata għandu jibda għaddej millum.

Il-Qorti tordna notifika kemm tas-sentenza appellata u kif ukoll ta' din is-sentenza lill-persuni msemmija fid-*decide* tas-sentenza appellata għal għan hemm imsemmi.

Finalment, bħall-Ewwel Qorti, din il-Qorti tordna d-divjet tal-publikazzjoni tal-ismijiet tal-appellanti OMISSIS u OMISSIS u tal-appellat OMISSIS fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**